**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 12**

**Data:** **29 ta' April 2025**

**Hin:** **9.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| | |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

12.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

12.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

12.5 Korrispondenza u Rapporti;

12.6 Progetti u Xogholijiet;

12.7 Festa 2025;

12.8 Attivitajiet;

12.9 Jum l-Gharb 2025;

12.10 Materji ohra;

12.11 Skeda ta' Pagamenti;

12.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**12.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

12.1.1 Tonio Mifsud talab sabiex jigi skuzat minhabba impenji ta' xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

12.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.3.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva talba sabiex jippartecipa fi progett taht 'Creative Europe'. Huwa qal li dan il-progett jitratta fuq l-ilma ghall-gzejjer zghar. Gie spjegat ukoll li l-partecipanti kienu mill-Grecja u mill-Portugal u li huma postijiet fejn il-komunitajiet huma zghar simili ghar-rahal tal-Gharb maghmula minn 1500 persuna. Dan il-progett kien ghall-uzu ta' ilma mic-cittadini. Bhala progett ser ikun stmat li jisma €200,000 fejn il-Kunsill ikollu parti li tammonta ghal madwar €60,000. B'dawn il-fondi jista' jsir studju kif ukoll jistghu jigu inkluzi artisti lokali biex jippartecipa f'dan il-progett. Is-Sindku qal li dan huwa biss 'concept' fil-prezent u li ser ikun hemm possibilita' ukoll li jsir gemellagg maghhom. Zied jghid li l-postijiet huma remote u trid tivvjaggja bil-bahar biex tasal ghal dawn il-gzejjer fejn fil fatt jinkludi hafna vjaggar. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li ghandu jippartecipa u li jekk ikun hemm il-possibilita' ta' gemellagg ghandu jiehu sehem.

**12.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

12.4.1 Ma kienx hemm mistqosijiet mill-Kunsilliera.

**12.5 Korrispondenza u Rapporti**

12.5.1 Is-Sindku pprezenta talba minn familja li toqghod fi Sqaq fi Triq Frangisk Portelli. Huwa pogga ritratti tal-post fuq il-mejda fejn indika l-problema li qeghda tinholoq minhabba parkegg hazin. Huwa qal li l-vetturi qed jipparkja fl-isqaq b'tali mod li qed jaghlqu l-access. Is-Sindku qal li huwa kien kiteb lil Transport Malta fejn huwa ssugerrew li ssir talbella ta' Keep Clear u jsiru anke sinjali sofor. Joseph Mizzi staqsa jekk tistax issir iz-zebra crossing fejn is-SIndku qal li zebra crossing tiehu fit-tul u huwa kompla jispjega li fl-istess zona hemm parti li qeghda tigi expropriated u li diga hemm problema ta' kif is-sidien ser jaccedu ghall-propjeta' minhabba li t-tarag li kien hemm ezistenti ser jitnehha. Is-Sindku qal li biex issir zebra crossing trid issir ukoll bankina. Tkompliet id-diskusjoni dwar liema tabelli jistghu jsiru sabiex ma jintilifx parkegg. Sar qbil li l-ewwel pass ghandu jkun li tehel tabella u wara nimxu minn hemm.

12.5.2 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar:
PA/01662/25, PA/01727/25, PA/01476/25, PA/01246/25, PA/01265/25, PA/01417/25, PA/02193/25, PA/02106/25, PA/02108/25, PA/02392/25, PA/01008/25, PA/01008/25, PA/01930/25, PA/010962/25 u PA/01889/25

**12.6 Progetti u Xogholijiet**

12.6.1 Is-Sindku qal li l-progett tal-Pool wasal fl-ahhar u huwa qal li ghad baqa il-*finishing* tal-post. Is-Sindku qal li huwa ddiskuta dwar l-ghamar mas-sezzjoni biex tinhadem mis-sezzjoni tal-mastrudaxxa u l-aperturi daqt ikunu lesti. Huwa qal li hemm zewg bibieb li huma importanti li jsiru minhabba l-*heating* tal-pool. Il-Kunsill qabel li dawn l-aperturi ghandhom jsiru.

12.6.2 Is-Sindku kompla jghid li l-Gozo Action Group kienu laqghu t-talba l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex isir il-lift u ghaldaqstant il-fondi li kienu approval id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex mill-iskema ta' l-accessibilita' jigu trasferiti fuq l-iskema tal-komunita' aktar inklussivi, trid issir diskussjoni mill-gdid sabiex dawn issa jintuza taht l-istess skema pero' minflok isir il-gym u toilets

ta' maghhom. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha ssir din it-talba lid-Dipartiment tal-Kunsilli.

12.6.3 Is-Sindku qal li x-xogholijiet fi Triq Tumas Cassar mexjin u l-gimgha d-diehla huwa previst li tigi finalizzata t-trinka. L-unika problema hija r-rampa peress li jridu jaraw kif ser issir il-konnessjoni. X'hin il-main tad-drenagg ikun lest isir il-water main u l-cable tal-Enemalta. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill kien ghamel talba sabiex jinghataw aktar fondi ghal din it-triq fejn ta' dan kienet saret talba mad-Dipartiment tal-Kunsilli ghall-approvazzjoni. Gie spjegat ukoll li s-sigar iridu jitnehhew ghaliex qeghdin jaghmlu hsara fid-drenagg tat-triq. Is-Sindku spjega li skond l-ispejjez tat-triq ser jitilghu hafna aktar.

Tkompliet id-diskussjoni fejn gie spjegat li l-Kunsill ghad irid jara fir-rigward ta' Triq Albert Ketelby u Triq Karmni Grima. Din tal-ahhar ghandna bzonn bdil tal-main tal-ilma li jkun irid isiru tnejn wiehed fuq kull naha tat-triq. Min-naha l-ohra Triq Albert Ketelby irid isir pipe kif diga sar qbil mas-sid sabiex dan jghaddi temporajament ghal Triq Tumas Cassar.

Fuq Triq Albert Ketelby is-Sindku qal li peress li parti mill-ilma jmur ghal Triq Frangisk Portelli, jista' jkun lijkun hemm bzonn ta' gutter fi Triq Frangisk Portelli. Is-Sindku qal li huwa kien issugerixxa lil Perit jistghux isiru reservoir tal-ilma waqt li kienu qed isiru xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' Triq Tumas Cassar pero' l-Perit kien qal li permessi ma jinghatax. Is-Sindku qal li Triq Albert Ketelby ma kienx hemm hafna xogholijiet x'isiru fiha. L-unika problema hija li fuq il-livelli tat-triq. Jidher ukoll li hemm problema peress li hemm kulvert u l-ilma qed jidhol fis-shaft tal-lift u johloq problema.

12.6.4 Is-Sindku qal li fir-rigward tat-toroq taht il-Mizura 4.3, il-Kunsill kien qed jistenna approvazzjoni bil-miktub. Huwa qal li bhala offerta' kien hareg u kien hemm biss offerent wiehed. Giet diskussa u l-Kunsill qabel unanimament li l-offerta' li intefghet ghandi tigi milqugha biex kif ikun hemm l-approvazzjoni jinbdew ix-xogholijiet.

12.6.5 Is-Sindku qal li l-latrini awtomatici ta' Triq Trux u Triq ta' pinu gew installati u li baqa' biss it-tikhil u zebgha. Il-Vici Sindku staqsa jekk dawn hux ha jkunu jahdmu bil-flus u s-Sindku ikkonferma li dawn ser ikunu 50c pero' r-residenti tar-rahal ser jinghataw card lill-familji biex ikunu jistghu juzawha.

12.6.6 Joseph Mizzi staqsa jekk it-toilet l-iehor iz-zghir hux ser ikun maghluq fejn is-Sindku qal li fil-prezent ser ikun maghluq sakemm jitranga mill-haddiema.

## 12.7 Festa 2025

12.7.1 Il-Kunsill iddiskuta l-festa tar-rahal ghal din is-sena. Kien hemm qbil ghas-segwenti:

Jinhareg avviz fuq il-gazzetta tal-gvern dwar l-eghluq tat-toroq u devjazzjonijiet;

Il-Kiosks tal-festa ghandhom jinghataw bhas-snin precedenti fl-istess postijiet;

Isiru toqob tal-arbli tal-festa fejn ikun mehtieg.

Issir l-Infiorata tal-festa

Feature

12.7.2 Fir-rigward tat-tindif is-Sindku ssugerixxa li jkun hemm tlett kwotazzjonijiet. Huwa spjega li s-sena l-ohra l-Kunsill kien gie infurmat li l-Ministeru ghal Ghawdex kien ser jaghti ghajnuna pero' ma kienx hemm ghajnuna u inholqot problema. Saret id-diskussjoni fejn gie innotat li huwa impossibli li jsir mill-haddiema tal-Kunsill. Joseph Mizzi staqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob ghajnuna lil Ministeru ghal Ghawdex jew Regjun. Is-Sindku qal li d-Direttur tal-Eco Gozo kien qal li ser ikun qed jghin lil-lokalitajiet din is-sena. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjonijiet ghat-tindif tal-festa.

**12.8 Attivitajiet**

12.8.1 Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li gejjin fil-gimghat li gejjin fejn hemm il-Community Workers Day li ser issir fil-11 ta' Mejju. Gie spjegat li ghal din l-attivita' ser ikun hemm diversi sezzjonijiet li ser jattendu fosthom pulizija, LESA, Civil protection u ohrajn simili taghhom. Is-Sindku spjega ukoll li flimkien ma' dawn gew mistiedna ukoll il-WasteServ u l-OHSA.

12.8.2 Is-Sindku ssugerixxa sabiex bhala attivitajiet ghal matul is-sajf isir xi haga simili bhal meta gew organizzati il-karoke weekends. Saret diskussjoni fejn gie innotat li dawn l-attivitajiet ikollhom maghhom certu spejjez bhal ma huma dwar u sound peress li dawn isiru filghaxijiet u jkun hemm bzonn ta' dawl. Il-Kunsill qabel li ghandu japplikaw sabiex jigu organizzati attivitajiet matul is-sajf biex jingabu l-fondi mehtiega.

12.8.3 Is-Sindku qal li bhala parti mill-iskema ghall-komunitajiet aktar siguri ser ikunu qed jitqassmu l-first aid kits and booklets kif ukoll issir spjegazzjoni taghhom minn ufficjali tal-first aid.

12.8.4 Is-Sindku ssugerixxa sabiex kif kien diga gie diskuss f'laqghat precedenti fit-tieni jew tielet gimgha ta' Lulju issir safra organizzata mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha ssir.

**12.9 Jum l-Gharb 2025**

12.9.1 Gie innotat li din is-sena Jum l-Gharb ser jahbat il-GImgha u ghalhekk tista' attivita' filghaxija. Giet issugerit li ssir kantata u din is-sena tkun dedikata ghal Papa Frangisku. Is-Sindku qal li huwa kien f'kuntatt ma' Mario Borg biex jara jiktibx il-muzika. Joseph Mizzi ssugerixxa bhala kliem lil Francesco Pio Attard u lil Joe Camilleri filwaqt li Lisa Marie Brooke issugerit lis-Sur Joe Psaila. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn qabel li ghandu jingab anke grupp ghall-entertainment u wara ssir xi tip ta' ikla. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir majjalata filwaqt li jkun hemm entertainment.

**12.10 Materji ohra**

12.10.1 Is-Sindku qal li meta saret l-attivita' tal-Kunsill tat-tfal, it-tfal infushom issugerew li tiġi organizzata attivita' fil-21 ta' Novembru. Gie innotat li f'din il-gurnata tkun qed tiġi organizzata ukoll Make Music Great u Herbs festival. Is-Sindku ssugerixxa sabiex issir xi tip ta' attivita' ghalihom filghodu. Saru suġġerimenti sabiex issir mixja u jiġu mistiedna tfal li jghixu fil-lokalita' maltin u jilbdu kostumi tradizzjonali ta' pajjiżhom kif ukoll jippreparaw ikel minn pajjiżhom. Is-Sindku qal li t-tfal ser ikunu qed jiddiskutu din l-inizjattiva' waqt il-Kunsill tat-tfal li jmiss. Suggeriment iehor mis-Sindku kien li tista' ssir attivita' taht it-tinda meta jkun qed jiġi organizzata Jum San Valentinu fi Frar sabiex b'hekk it-tinda tintuża ghal aktar minn attivita' wahda meta tkun intramat.

12.10.2 Is-Sindku ssugerixxa ukoll attivita' ta' sparatura fuq il-plattini fejn San Dimitri li tista' tiġi organizzata fis-7 ta' Gunju. Huwa qal li kien avvicina lis-Supretendent tal-pulizija biex jara minhabba permessi. Il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar din l-attivita' fejn gie ssugerit ukoll li waqt l-attivita' jista' jkun hemm bouncing castle ghat-tfal kif ukoll barbeque ghal kulhadd. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suggerimenti.

**12.11 Skeda ta' Pagamenti**

12.11.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata.

**12.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

12.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 29 ta' Mejju fid-9am.

12.12.2 Il-laqgha spiccat fl-10.20am.

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv